A.L. 113 tal-2009

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2009 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Diploma in Lifelong Career Guidance and Development

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2009 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Diploma in Lifelong Career Guidance and Development.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bordijiet tal-Fakultà tal-Edukazzjoni u taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol;

"il-Kors" tfisser il-kors ta' studju li jwassal għall-Postgraduate Diploma in Lifelong Career Guidance and Development;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma fil-Lifelong Career Guidance and Development; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Frar 2009 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) L-applikanti jistgħu jkunu rreġistrati bħala studenti fil-Kors jekk ikollhom grad tal-ewwel ċiklu f'qasam relatat u jissodisfaw lill-Bord tal-Istudji, permezz ta' intervista, li għandhom il-kwalifiki akkademiċi meħtieġa, ix-xeħta u d-dispożizzjoni professjonali biex isegwu l-Kors b'suċċess.

(2) Il-Bord tal-Istudji għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jirreġistraw għall-Kors, skond id-disponibiltà tar-riżorsi. L-għadd ta' postijiet disponibbli jkun imħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) Jekk ikun hemm aktar applikanti eliġibbli mill-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jintgħażlu skond kif marru fl-intervista u jkun ikkunsidrat:

(a) it-tip ta' grad u klassifikazzjoni;
(b) ix-xeħta u d-dispożizzjoni professjonali;
(c) l-esperjenza ta' xogħol fil-qasam jew f'qasam relatat; u
(d) il-livell li jilħqu waqt l-intervista.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq żewġ semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fuq bażi *part-time.*

Il-Bord tal-Istudji

5. (1) L-amministrazzjoni akkademika tal-Kors għandha tkun fdata lil Bord tal-Istudji maħtur għal dan il-għan.

(2) Il-Bord tal-Istudji għandu jkun magħmul minn:

(a) *Chairperson* maħtur mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bordijiet tal-Fakulta' tal-Edukazzjoni u taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol;

(b) rappreżentant akkademiku mill-Fakultà tal-Edukazzjoni u ieħor miċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol;

(ċ) il-koordinatur tal-kors maħtur mis-Senat wara konsultazzjoni mal-Bordijiet tal-Fakultà tal-Edukazzjoni u taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol; u

(d) żewġ rappreżentanti tal-istudenti magħzula mill-istudenti rreġistrati għall-Kors.

(3) Il-Bord tal-Istudji għandu jikkonsulta regolarment mal-imsieħba soċjali biex jiżgura li t-taħriġ offrut huwa sensittiv u jaqdi l-ħtiġijiet tal-komunità.

Il-Programm ta' Studju

6. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 kredtu, li jinkludu esej twil/proġett li għalihom hemm assenjati 8 kredti.

7. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

8. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' taqsimiet studju mgħallma ta' mhux aktar minn 20 kredtu, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kredti jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kredti permess skond il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kredti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

L-Esej Twil/Il-Proġett

9. (1) L-istudenti għandhom jissottomettu esej twil jew proġett dwar tema relatata mas-suġġetti mgħallma matul il-Kors u li jkun approvat mill-Bord tal-Istudji. L-esejs twal għandhom ikunu ta' bejn l-10,000 u t-12,000 kelma.

(2) L-istudenti li jeħlu fl-esej twil/fil-proġett għandhom jitħallew jerġgħu jissottomettuhom darba oħra fi żmien perijodu ta' sitt xhur.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

10. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

11. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord tal-Istudji bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.

It-Tħassir

12. Ir-Regolamenti tal-2006 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in Lifelong Career Guidance and Development, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 93 tal-2006, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Frar 2009, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Frar 2009 għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regolamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.